Parroċċa Qalb bla tebgħa ta' Marija

Burmarrad

No: 49/17

**AVVIŻI**

**3 ta' Diċembru 2017**

Nhar it-Tlieta 5 ta' Diċembru sa ssir l-Assemblea Parrokkjali li fiha nippjanaw il-mixja tal-parroċċa tagħna għas-sena li ġejja. Din sa titmexxa minn Mons. Frans Abdilla u tibda bil-quddiesa tas-6.15pm li ssir fiċ-Ċentru Parrokkjali. Kull min għandu għal qalbu l-ħajja tal-parroċċa tagħna huwa mistieden li jattendi.

Nhar il-Ġimgħa 8 ta' Diċembru niċċelebraw il-Festa tat-Tnissil bla tebgħa ta' Marija (L-immakulata Kunċizzjoni). Il-quddies ikun fil-5.30am, fis-6.15am u fis-6.15pm. Fil-quddiesa ta' filgħaxija nġeddu l-konsagrazzjoni tagħna lill-Immakulata.

Nhar is-Sibt 9 u l-Ħadd 10 ta' Diċembru sa jkollna fostna lil Mons. Arċisqof għall-viżta pastorali. Ir-ragħaj tagħna ġej jiltaqa' magħna u jara l-ħajja tal-parroċċa tagħna fil-mixja tagħha ta' kuljum. Ma' Leħen il-Parroċċa ta' Diċembru tirċievu programm dettaljat.

Nitolbu lil dawk li jqassmu l-fuljetti biex iqassmu mill-aktar fis il-kopji tagħhom sabiex kulħadd ikun infurmat dwar l-attivitaijiet li sa jsiru. Grazzi tas-servizz li toffru.